**9 ta' Marzu, 1989**

**Imħallef: –**

**Onor. Profs. Victor Borg Costanzi LL.D.**

Victor u Godwin aħwa Spiteri Sacco *pro et noe*

*versus*

Edwin Grech

## Appalt – Komputazzjoni – Imgħax – Pagament – Approprjazzjoni ta' Pagamenti

*L-attur fittxew għall-bilanċ ta' prezz lilhom dovut in bażi għal xogħol u fornitura ta' materjal. Il-Qorti llikwidat l-ammont dovut lill-atturi. Eżerċizzju interessanti ta' komputazzjoni, u dwar approprijazzjoni ta' pagamenti.*

*Il-Qorti*: –

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fid-29 ta' Awissu 1983, li biha Victor u Godwin aħwa Spiteri Sacco f'isimhom u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà *en nom collettif* "V & G Spiteri Sacco" wara li ppremettew illi huma kredituri ta' Edwin Grech, il-konvenut, fis-somma ta' elfejn ħames mija u sebgħa u tletin lira u sitta u tletin ċenteżmu u tmien milleżmi (Lm2537.36,8) bħala bilanċ kapitali ta' somma akbar ta' prezz ta' bejgħ u servizz mogħti in konnessjoni ma' xogħlijiet ta' rħam li saru fuq ordni u speċifikazzjonijiet tal-konvenut fir-residenza tiegħu skond kif muri fuq prospett, Dok. A & B, anness maċ-ċitazzjoni;

Illi l-konvenut, interpellat diversi drabi biex iħallas baqa' inadempjenti;

Talbu li dina l-Qorti tikkundanna lill-istess konvenut iħallas lill-*atturi s-somma ta' Lm2537.36,8 għar-raġunijiet premessi*;

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' ittra interpellatorja ta' Lulju 1983, u bl-imgħaxijiet bit-tmienja fil-mija fis-sena fuq l-indikat sorte mit-28 ta' Settembru 1982 sad-data tal-pagament kontra l-konvenut inġunt għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ipprezentata fit-12 ta' Ottubru 1983 li fiha Edwin Grech, il-konvenut, qal:

"(1) Illi *hu ma* għandu jagħti xejn lill-atturi, stante li:

(a) L-ammont li kien dovut lilhom m'huwiex dak indikat fiċ-ċitazzjoni, iżda sebgħa u tletin lira Maltija, ħdax-il ċenteżmu u ħames milleżmi (Lm37.11,5) kif jirriżulta mill-prospett Dok. 'A';

(b) Il-konvenut, biex jeżimi ruħu minn kwalunkwe responsabbilità, kien iddepożita l-ammont imsemmi biċ-ċedola Kummerċ Numru 55/83";

*Omissis;*

Illi l-konvenut u ħuh kienu kkommissjonaw lill-atturi bix-xogħol ta' l-irħam u bil-qtugħ u tqegħid ta' żonqor f'żewġt idjar li kienu qegħdin jiġu kostruwiti bi pjanta kważi identika. Il-fond tal-konvenut huwa dak li jġib l-isem "Aaron" Triq l-Ispartani, Blata l-Bajda, Ħamrun;

It-tqabbid għax-xogħol ma sarx f'daqqa waħda u x-xogħol sar biċċa biċċa;

L-ewwel ftehim sar fit-13 ta' Settembru 1976. Mill-provi jidher illi x'aktarx ix-xogħol kien ġie kompletat għall-ħabta ta' l-1979 – 80;

Hemm qbil bejn il-partijiet illi saru diversi pagamenti akkont li dawna ammontaw għal Lm5350. Il-pagamenti saru bejn it-23 ta' Settembru 1976 u t-28 ta' Settembru 1982;

L-atturi jippretendu illi t-total tax-xogħol laħaq Lm6,137.36,8 u fuq dana l-ammont ġew magħmula l-kontijiet u saret it-talba għall-pagament tal-bilanċ. Il-konvenut jippretendi li l-kont kellu jilħaq Lm5431.11,5 u li minn dina s-somma kellhom jitnaqqsu Lm44 għal xogħol difettuż. Fit-3 ta' Awissu 1983 il-konvenut iddepożita l-Qorti l-bilanċ ta' Lm37.11,5 biex jittieħed liberament mill-atturi. Dana d-depożitu ma ġiex żbankat;

Il-perit imqabbad mill-Qorti wasal għall-konklużjoni illi x-xogħol kollu laħaq Lm5,736.05,1. Skond il-perizja, minn dina s-somma kellhom jitnaqqsu Lm40 għad-difetti. Dina l-konklużjoni l-perit wasalt għaliha għaliex il-partijiet spiċċaw biex qablu bejniethom dwar il-kwistjonijiet li kellhom fuq xi *items* tax-xogħol u fejn ma qablux il-partijiet il-perit għamel il-kejl u l-kalkolazzjonijiet tiegħu;

Fil-fehma tal-Qorti l-ammont stabbilit mill-perit għandu jiżdied b'dawna l-ammonti:

(i) Lm9, fir-rigwards tar-*'rounded frame'* fit-taraġ

*prinċipali għal xogħol li ma ġiex inkluż fl-ewwel perizja;*

(ii) kumpens li jiġi stabbilit *arbitrio boni viri* mill-Qorti, għal xogħol ta' tqattigħ ta' ċnagen tal-qawwi li sar mill-atturi u spiċċaw jew miksurin waqt ix-xogħol jew li kellhom jinbidlu wara li tqiegħdu. Mill-provi prodotti jidher li ċ-ċnagen tal-qawwi (jew taż-żonqor għaliex il-provi mhux ċari dwar dan) li tqattgħu ma setgħux jintużaw kollha minħabba ħsara dovuta għall-kwalità tal-ġebla – *ġebla li ġiet fornita mill-konvenut. Għall-qtugħ l-*atturi jippretendu kumpens ta' Lm502.50,0 u Lm20,00,0 għall-ħsara u tibdil. Il-konvenut jippretendi illi għandu jħallas biss Lm427.50,0 għall-qtugħ tal-blokki u wasal għall-konklużjoni li l-atturi ma ħaqqhom xejn għall-ħsara waqt il-qtugħ u għat-tibdil;

Il-Qorti hija tal-fehma illi l-atturi għandhom jiġu kompensati għat-tqattigħ tal-blokki li huma għamlu, kompriż ix-xogħol ta' tqattigħ li spiċċa fi ħsara fil-ġebla. Il-ftehim milħuq mal-konvenut dwar it-tqattigħ kien bit-tant il-pied kwadru li jitqatta' mhux bit-tant il-pied kwadru li jitqatta' **u jiġi użat u mqiegħed**. Għal dana t-tqattigħ ta' ġebel ix-xogħol sar u l-atturi ma għandhom ebda tort għall-ħsara li kienet issir waqt it-tqattigħ. Il-Qorti tiffissa l-kumpens relattiv fis-somma ta' ħamsin lira (Lm50):

Għal qtugħ ieħor u tibdil ta' *slabs* ġà mqiegħda l-kumpens adegwat ikun ta' Lm12.00,0. B'kollox Lm62 aktar milli ġie kkalkolat mill-imsemmi perit;

Dwar it-tqegħid ta' 570 pied kwadru l-Qorti taqbel mal-perit illi l-atturi għandhom jitħallsu s-somma ta' Lm228 minnhom mitluba u għalhekk tiskarta l-pretensjoni tal-konvenut illi l-ammont dovut minnu huwa biss Lm21,20,0;

Dan kollu jirriferixxi għax-xogħol li sar mill-atturi fid-*Drive-In* tal-fond indikat b'ġebla fornita mill-konvenut;

(iii) Dwar l-*iskirting* bl-irħam għandu jingħad illi l-ftehim bejn il-partijiet kien illi l-atturi jqiegħdu rħam tal-kwalitá *'Verde Antico'*; fil-fatt ġie miftiehem prezz ta' 40c-il pied. L-irħam li tqiegħed mill-atturi huwa ta' kwalità superjuri magħrufa bħala *'Perlato Royal'* li jiswa kważi d-doppju. Il-perit wasal għall-konklużjoni illi għal dan l-irħam l-atturi kellhom jieħdu Lm35.80,0 tal-kalkolu ta' 40c-il pied. Il-Qorti hija tal-fehma illi ġà la darab l-konvenut spiċċa biex aċċetta x-xogħol imqiegħed mill-atturi u qiegħed igawdi mill-kwalità isbaħ u aħjar minn dik miftiehma, ma jkunx ġust li jarrikkixxi ruħu a spejjeż ta' l-atturi; huwa seta' kieku ried iġiegħel lill-atturi jaqalgħu l-irħam li qiegħdu u jirrimpjazawh b'irħam tal-kwalità miftiehma. Dana ma għamlux u għalhekk huwa għandu jħallas ta' dak li ħa mingħand l-atturi. Jiġi li s-somma likwidata mill-perit għandha tiżdied b'Lm27.20,0;

(iv) Dwar il-fuglar *(fire-place)* il-perit naqqas mis-somma mitluba mill-atturi s-somma ta' Lm40 minħabba d-difetti ta' estetika billi ma hemmx kuntatt preċiż bejn il-biċċiet użati, xi ġonta ma kenitx iċċentrata u xi oħra kienet ftit iżjed wiesgħa milli kellha tkun, xi maduma tal-mużajk hija ftit aktar ċara mill-oħrajn u billi s-*slab* ta' fuq kienet diviża f'żewġ partijiet li ma kellhomx l-istess daqs. Fil-fehma tal-Qorti t-tnaqqis għal dawna d-difetti għandu jkun biss ta' Lm20, u għalhekk għal dana x-xogħol l-atturi ħaqqhom Lm20 aktar milli tahom il-perit;

B'kollox għalhekk l-ammont likwidat għax-xogħol kollu mill-perit fis-somma ta' ħamest elef seba' mija u sitta u tletin lira ħames ċenteżmi u milleżmu (Lm5736.05,1) għandu jiżdied bit-

*total* ta' *Lm9, Lm50, Lm12, Lm27.20,0 u Lm20, b'kollox* Lm118.20,0 li ssemmew u għalhekk ix-xogħol magħmul mill-atturi huwa stmat fis-somma ta' ħamest elef tmien mija u erbgħa u ħamsin lira ħamsa u għoxrin ċenteżmu u milleżmu (Lm5854.25,1); dan l-ammont huwa Lm283.11,7 anqas milli ppretendew l-atturi u Lm423.13,6 aktar milli jippretendi li għandu jagħti għax-xogħol kollu l-konvenut;

Ikkunsidrat:

Illi l-atturi jippretendu illi kien hemm ftehim mal-konvenut fis-sens li l-interessi kellhom jiġu mħallsa bir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena. Fil-konteġġi li huma għamlu u li jidhru fid-dokument B a fol. 6 esebit maċ-ċitazzjoni dawna l-interessi, komputati fuq Lm6137.36,8;

*Omissis;*

Issa ġara illi fil-bidu ta' l-1976 ix-xogħol kien għadu appena sejjer jibda jsir mill-atturi (dana biex wieħed jieħu l-aħjar ipotesi li tmur favur it-teżi ta' l-atturi u dejjem salv dak li jintqal 'il quddiem dwar il-ftehim milħuq biċċa biċċa għax-xogħlijiet partikolari li kellhom jagħmlu l-atturi) u allura l-interessi qatt ma setgħu jiġu akkollati lill-konvenut fuq il-valur ta' dak ix-xogħol li l-anqas biss kien ikkontemplat bejn il-partijiet, u jitqies dan il-valur daqs li kieku x-xogħol kien ġà kompletat. Wieħed ma għandux jinsa hawnhekk illi x-xogħol li sar mill-atturi ma ġiex kommissjonat f'daqqa waħda. Il-partijiet kienu jiftiehmu għal ċertu xogħol b'ċertu prezz u wara żmien għal xogħol ieħor u hekk minn darba għall-oħra sakemm kien sar ftehim dwar ix-xogħol kollu li fil-fatt ġie mbagħad esegwit mill-atturi. Mal-ftehim kien hemm każi fejn sar depożitu akkont tal-prezz mill-konvenut

u barra minn dawna d-depożiti l-konvenut kien jagħmel pagamenti akkont. Il-provi ma jurux ċar meta bdew ix-xogħlijiet, id-dati tal-ftehim, id-dati meta spiċċat kull biċċa tax-xogħol u l-ġurnata li fiha kien komplet ix-xogħol kollu. U għalhekk hemm ċerta diffikoltà biex wieħed jistabilixxi minn meta kellhom jibdew jgħaddu l-interessi – jekk dawna ġew pattwiti kif jippretendu l-atturi – riferbibilment għal kull biċċa xogħol kommissjonata meħuda waħda waħda. Terġa' u tgħid il-konvenut ma jaċċettax illi kien hemm ftehim illi interessi kellhom jgħaddu;

*Omissis;*

Meħudin dawna ċ-ċirkostanzi kollha flimkien il-Qorti tara fihom prova indizjarja qawwija biżżejjed biex fiha titnissel il-konvinzjoni illi ftehim fuq il-ħlas ta' interessi bir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena jew rata oħra permessa mil-liġi kien intlaħaq bejn il-partijiet. Biżżejjed wieħed isemmi x-xieħda ta' l-attur Godwin Spiteri Sacco meta qal li l-patt dwar l-interessi kien ikun inkluż f'kull ftehim li kien isir mal-klijenti tagħhom kollha, u l-fatt li almenu f'żewġ okkażjonijiet il-konvenut wasal biex anke ffirma l-formola *stencilled* ta' ftehim li pprezentawlu l-atturi u li kienet tikkontempla l-ħlas ta' l-interessi. Dawna ċ-ċirkostanzi jindikaw uniformità u kontinwità ta' prattika adoperata mill-atturi, li bħala inprendituri ta' xogħol simili ma setgħux ma kinux sensittivi għall-fatt illi għal żmien konsiderevoli l-klijenti tagħhom, fil-maġġoranza tal-każi, ikunu skoperti fil-pagamenti tagħhom għall-ammonti rilevanti. Ebda argument kuntrarju ma jista' jinġibed mill-fatt illi fid-dokumenti li jissemmew (fol. 44 sa 51) l-istess atturi ma jindikawx, interessi għaliex dawk id-dokumenti għandhom jittieħdu bħala mezz biex jiġu ndikati dettalji ta' kejl, prezz u pagamenti akkont. L-anqas mhu sewwa li jiġi argomentat illi meta bl-ittra tat-30 ta' April 1982, l-atturi,

wara li semmew li x-xogħol tagħhom kellu jiġi sospiż u li kienu ilhom ma jsirulhom pagamenti sitt xhur, talbu lill-konvenut iħallas Lm500 mill-bilanċ minnu dovut sabiex ikomplulu l-ftit xogħol li fadal, huma ma kienu qegħdin jippretendu xejn ħlief dak il-pagament akkont u l-ħlas a saldu appena jitlesta x-xogħol għaliex dana jippreżumi illi huma kienu rrinunzjaw għall-interessi sa allura lilhom dovuti; u kif hu magħruf rinunzja ta' dina x-xorti trid tiġi murija ċar mill-provi u l-provi f'dan il-każ ma jwasslux għal daqshekk;

Għalhekk ikun jeħtieġ issa biex wieħed jara x'inhi s-sitwazzjoni dwar id-data tad-dekorriment ta' l-interessi li l-provi juru li tkun id-data vera kkontemplata fil-ftehim. Hawnhekk, kif ġà ġie aċċennat, il-Qorti hija rinfaċċata bi skarezza ta' dettalji preċiżi biex jiġu stabbiliti d-dati u l-konsistenza ta' kull kummissjoni li ġiet mogħtija lill-atturi. Wieħed irid jiftakar illi l-ftehim sar biċċa biċċa, f'dati diversi u għax-xogħol partikolari f'kull każ. Ftit huma l-indikazzjonijiet li saru mill-provi li tressqu u li juru bi preċiżjoni dawna d-detallji. Il-Qorti trid toqgħod allura fuq dak li ġie ppruvat fiż-żgur u minn din u fuq il-prova mbagħad tgħaddi biex tistabilixxi kif, *arbitrio boni viri* u ekwament, għandhom jiġu kkalkolati l-interessi;

F'dan il-qasam diġà ntqal illi l-interessi jiġu komputati fuq is-somma ta' Lm6,137.36,8 sa mill-bidu ta' l-1976 kif jippretendu l-atturi m'huwiex xieraq. Mill-banda l-oħra ma jkunx lanqas xieraq li l-interessi jiġu meqjusa biss mid-data ta' l-ittra interpellatorja tal-21 ta' Ġunju 1983. Il-ġurnata trid tiġi stabbilita għal waħda bejn dawna ż-żewġ dati; anzi għandha tiġi stabbilita ġurnata għad-dekorriment ta' l-interessi għal kull **biċċa** ftehim ta' kummissjoni milħuq bejn il-partijiet – dana kien ikun l-aħjar; imma dan l-eżerċizzju ma jistax isir bl-istat tal-provi li hemm.

Il-Qorti għalhekk sejra tiegħu bħala punti fissi ċ-ċirkostanzi li ġejjin biex b'hekk tkun tista' tiġi determinata l-kwistjoni fuq dan l-aspett tal-kawża, u ċjoè:

1. Mid-Dokument B1 a fol. 11, mix-xiehda ta' l-attur li ssemmiet u minn dik tal-konvenut jidher li f'Settembru 1976 ix-xogħol kien għadu ma nbediex;

2. Mid-Dokument DP9 a fol. 51 u mid-Dokument DP8 a fol. 50 jidher il-ftit xogħol ' li kien fadal' 'fil-ġranet ta' barra' ma kienx sar sat-30 ta' April 1982;

3. Bejn Settembru 1976 u April 1982, kienu ġew kompletati diversi xogħlijiet miftehmin partitament mill-partijiet;

4. Mid-Dokument DP6 u DP4 a fol. 47 u 44 rispettivament jidher illi ċerti partiti kienu tlestew, (u għalihom inħareġ kont ta' Lm3050.49,1 u Lm86.19,0) fid-data ta' l-14 ta' Settembru 1978. Sa dak iż-żmien il-konvenut kien ħallas Lm1600 – akkonti u l-bilanċ kien Lm1536.68,0. (Fil-bilanċ mhux kalkolati interessi);

5. Mid-Dokument DP7 a fol. 48 jidher li nħareġ kont għal xogħlijiet kompletati li, (magħduda x-xogħlijiet li jissemmew fin-numru 4 immedjatament preċedenti) laħaq Lm5757.56,1 fit-23 ta' Ottubru 1980. Sa dak iż-żmien il-konvenut kien ħallas Lm3325 f'akkonti u l-bilanċ kien Lm2432.56,1 (interessi mhux kalkolati);

6. Mid-Dokument DP8 a fol. 50, jidher illi sal-21 ta Ottubru 1981, il-konvenut kien ħallas f'akkonti oħra Lm1285 u b'hekk il-bilanċ dovut niżel Lm1147.56,1 (interessi mhux

kalkolati);

7. *Mid-Dokument* DP9 a fol. 51 jidher li wara li żdiedu Lm88.96,3 inħareġ kont għal Lm1236.52,4 bilanċ, u li, wara pagament magħmul fit-30 ta' Ġunju 1982 (pagament ta' Lm47) il-bilanċ dovut niżel Lm1189.52,4;

8. Wara dina d-data saru żewġ pagamenti akkont ta' Lm200-il wieħed, fid-19 ta' Awissu 1982 u fit-28 ta' Settembru 1982; u minn dik inhar ma sarux pagamenti oħra. Il-bilanċ allura sar Lm789.52,4;

9. Ma hemmx tilwim bejn il-partijiet dwar it-total tal-pagamenti magħmula mill-konvenut. Dawna laħqu Lm5,350. Mhux ċar però li ġo dana l-ammont huwa magħdud il-pagament ta' Lm47 msemmi fin-numru 7;

10. Sa hawn fin-numri 1 sa 9 qegħdin jittieħdu in *konsiderazzjoni l-ammonti li ġà ġew likwidati fil-partijiet rilevanti* tal-perizja msemmija qabel u ta' dina s-sentenza;

11. Il-kalkolazzjonijiet huma bbażati fuq is-somma ta' Lm5757.16,1 magħduda magħha dik ta' Lm88.96,3 jiġifieri għax-xogħol li jissemma u kif jissemma f'dawk *id-dokumenti* li għalihom issir riferenza u mhux fuq Lm6137.36,8 li l-atturi jippretendu li tkopri x-xogħol kollu. B'hekk jiġi illi għad-differenza bejn Lm6137.36,8 li fuqhom hija bbażata t-talba taċ-ċitazzjoni, u Lm5846.12,4, jiġifieri għas-somma ta' Lm291.24,4, *mhix issir menzjoni*. Dan l-ammont jirriferixxi għal xogħol ieħor magħmul mill-atturi, u li tiegħu s'intendi għandhom jitħallsu;

12. Meħud dan kollu in konsiderazzjoni jiġi li mingħajr

ma jitqiesu l-interessi, l-ammonti li fuqhom, skond il-figuri mogħtija mill-atturi li jissemmew fin-numri 1 sa 11 ta' hawn fuq, il-bilanċ dovut f'Settembru 1982, kien Lm789.52,4 nieqes Lm47 u magħduda mar-riżultat Lm291.24,4 jiġifieri Lm1033.76,8;

13. Il-konvenut jippretendi li baqa' dovut minnu bilanċ biss ta' Lm37.11,5;

14. Kalkolati *grosso modo* l-interessi fuq l-ammonti pretiżi mill-atturi u fuq il-bilanċi dovuti matul iż-żmien li ssemma – interessi li għandhom jibdew jiddekorru minn Settembru 1978 fuq il-bilanċ ta' ċirka Lm1536.00,0 allura dovut, sa l-aħħar ta' Awissu 1983, konsiderati l-pagamenti akkont u kkonsiderat ukoll id-depożiti li setgħu saru mill-konvenut f'xi okkażjonijiet qabel ma nbeda x-xogħol partikolari soġġett ta' kull ftehim, il-Qorti hija tal-fehma illi s-somma ta' erba' mija u tletin lira tirrispekkja b'mod ekwu t-total ta' l-interessi li għandhom jitħallsu lill-atturi sal-ġurnata tal-preżentata taċ-ċitazzjoni. L-ammont qiegħed jiġi ffissat bħala l-minimu ġust dovut lill-atturi wara li l-Qorti qieset li t-talab ta' l-atturi għal Lm6137.36,8 għandha tiġi kompressa għas-somma ta' Lm5854.25,1 (l-ammont likwidat bħala dovut lill-atturi għax-xogħlijiet f'din is-sentenza) u qieset ukoll iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u partikolarment, ir-regoli tal-liġi li jiddeterminaw il-mod kif għandhom jiġu mputati l-pagamenti magħmula mill-konvenut, iż-żmien twil li għaddha bejn il-bidu ta' l-ewwel biċċa xogħol mogħtija lill-atturi u t-tmiem ta' l-aħħar waħda lilhom hekk mogħtija, in-numru ta' dawna l-kommissjonijiet u ż-żmien, kultant ta' tul konsiderevoli, li kien għadda bejn pagament u ieħor u fuq kollox u dejjem fil-konfini tal-parametri li huma murija mill-provi li ssemmew u fil-limiti ta' l-ekwità;

Għal dawna l-motivi l-Qorti tiddisponi mill-kawża billi tilqa' t-talba attriċi limitatament għas-somma ta' disa' mija u erbgħa u *għoxrin lira ħamsa u għoxrin ċenteżmu u milleżmu* (Lm924.25,1) bl-interessi legali dekorribbli mid-data taċ-ċitazzjoni;

L-ispejjeż fiċ-ċirkostanzi tal-każ jitħallsu tliet kwinti mill-konvenut u żewġ kwinti mill-atturi.